MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Numru. 1247/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**Joseph Xuereb**
**Loretu Xuereb**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Joseph Xuereb ta’ 31 sena imwieled fid-19 ta’ Lulju 1979 San Giljan bin David u Veneranda nee’ Azzopardi u residenti f’41 Triq il-Gnien, Ghajnsielem u detentur tal-karta tal-identita’ numru 3451799M u l-imputat Loretu Xuereb ta’ 35 sena mwieled fit-2 ta’ Awwissu 1975 Rabat Ghawdex, bin David u Veneranda nee’ Azzopardi u residenti f’Crystal Lagoon Triq il-Gnien Ghajnsielem u

detentur tal-karta tal-identita' numru 17675G gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F'dawn il-gzejjer, nhar l-14 ta' Awissu 2010 gewwa c-Cirkewwa limiti tal-Mellieha f'xi hin bejn it-tmienja ta' filghodu u s-saghtjen ta' wara nofs inhar ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Edward Buttigieg skond ma gie iccertifikat minn Dr. James Portelli MD Reg no 263.

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi heddew lil Edward Buttigieg.

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kisru il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew mod iehor.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kas ta' htija tapplika is-sezzjoni 383/384 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datat 7 t'Ottubru 2011 (*esebita a fol. 77 tal-process*) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

1. fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
2. fl-Artikoli 216, 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
3. fl-Artikoli 339(1)(e), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
4. fl-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-14 t'Ottubru 2011, l-imputat ddikjara li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali prezentata mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala' fl-14 t'Awwissu, 2010 ghall-habta tan-12.30pm, fic-Cirkewwa, precizament minn fejn jitlaq il-vapur ta' Ghawdex bejn Loreto u Joseph ahwa Xuereb u l-parti civili Edward Buttigieg. Mill-provi rrizulta li kemm l-ahwa Xuereb kif ukoll il-parti civili jofru servizzi ta' *pleasure trips* bid-dghajjes taghhom minn Ghawdex jew mic-Cirkewwa lejn Kemmuna u fiz-zmien tal-incident in dizamina kienu kompetituri ta' xulxin. Il-parti civili Edward Buttigieg irraporta lil Pulizija li huwa gie agredit mill-ahwa Xuereb u sofra griehi f'rasu. Inizjalment huwa prezenta certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Sarah Vella[1] mill-Mosta Health Centre fejn il-griehi minnu sofferti gew klassifikati bhala ta' natura hafifa izda jumejn wara l-incident huwa prezenta certifikat mediku iehor, din id-darba rilaxxjat minn dental surgeon, Dr. James Portelli[2], fejn il-griehi gew klassifikati bhala ta' natura gravi ghaliex Edward Buttigieg kellu sinna li ccaqalqet minn posta u kellu jsir implant.

Il-parti civili Edward Buttigieg li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tal-11 ta' Frar, 2011 u tal-14 t'Ottubru, 2011 qal li huwa kien qieghed ic-Cirkewwa jistenna xi sitt turisti li kienu ser imorru bhala passiggiera fuq id-dghajsa tieghu meta l-imputat Joseph Xuereb avvicina lil dawn it-turisti u huwa ghalhekk qallu li dawn kienu sejrin mieghu. Buttigieg qal li Joseph Xuereb baqa' miexi meta huwa qallu dan il-kliem izda mbaghad gie huh Loreto Xuereb li attakkah bil-VHF u tah daqqiet fuq rasu. Edward Buttigieg l-ewwel qal li kien biss Loreto Xuereb li attakkah izda sussegwentement qal li Joseph Xuereb tah daqqa fuq spalltu fejn l-ewwel qal li tahielu b'idejh izda mbaghad sostna li tah id-daqqa bil-VHF radio. Edward Buttigieg qal li huwa kellu ferita f'rasu minn fejn beda' hiereg id-demm u sostna wkoll li l-imputat Loreto Xuereb habbatlu rasu ma' pole tal-hadid u kien ghalhekk li ccaqalqitlu sinna. Meta rega' xehed it-tieni darba Edward Buttigieg qal li huwa kien qed jahfer lill-ahwa Xuereb ghal dak li gara ghaliex illum il-gurnata uliedu kienu qed jahdmu maghhom.

---

[1] Inserit a fol. 20 tal-atti processwali.
[2] Inserit a fol. 19 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati t-tnejn irrilaxxxjaw stqarrija[3] fejn huma spjegaw li dakinhar tal-incident in dizamina huma kienu c-Cirkewwa bid-dghajsa taghhom qed jghabbu lit-turisti sabiex jehduhom Kemmuna. Joseph Xuereb qal li gew grupp ta’ turisti li kienu bbukkjati maghhom li qalulu li kienu sejrin jipparkeggjaw il-vettura taghhom u meta kien kwazi sar il-hin sabiex titlaq id-dghajsa u dawn it-turisti kienu ghadhom ma’ tfaccawx huwa nizel minn fuq l-istess dghajsa sabiex ifittixhom filwaqt li Loreto Xuereb baqa’ fuq id-dghajsa. L-imputat Joseph Xuereb spjega li huwa mar fil-carpark li hemm hdejn il-gabbana u lemah lit-turisti u meta mar sabiex ikellimhom tfaccja Edward Buttigieg li huwa kien jafu biss di vista u li qatt ma’ kien kellmu qabel u dan tal-ahhar beda’ jimbuttah u jghidlu li kien qed jehodlu x-xoghol. L-imputat Joseph Xuereb spjega li huwa mbotta lil Buttigieg lura sabiex jiddefendi ruhu mid-daqqiet li kien qed jaqla’ minghand Buttigieg u qal li dan tal-ahhar tfixkel, waqa’ u laqat rasu ma’ arblu li kien hemm fit-triq. Joseph Buttigieg cahad li huwa kellu xi apparat tal-VHF f’idejh u qal li l-apparat li ghandu fuq id-dghajsa m’huwiex *portable*. L-imputat Loreto Buttigieg spjega li huwa nizel minn fuq id-dghajsa ghaliex sema’ l-ghajjat u meta wasal fuq il-moll ra lil huh miexi lejh wiccu ahmar nar u ra ragel jigri warajh. Huwa qal li meta wasal hu, l-glieda kienet spiccat u li huwa bl-ebda mod ma’ kien involut fiha. Huwa cahad li kellu xi apparat tal-VHF f’idejh. L-imputati li t-tnejn ghazlu li jixhdu f’dawn il-proceduri[4] ikkonfermaw dak li kienu qalu a tempo vergine meta rrilaxxjaw l-istqarrija.

Ikkunsidrat:

Illi minn dak li ghadu kemm intqal fil-paragrafi precedenti jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunnfliggenti. Il-Qorti tghid mal-ewwel li qed taghzel li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-ahwa Xuereb u mhux dik moghtija mill-parti civili Edward Buttigieg. Dan jinghad mhux biss

[3] Stqarrijiet relattivi nseriti a fol. 16 sa 18 tal-atti processwali.
[4] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 79 sa 87 tal-atti processwali.

ghaliex huma dejjem kienu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti minnhom moghtija, fil-fatt kemm meta tkellmu mal-Pulizija li marru fuq il-post immedjatament wara li sehh l-incident, kif ukoll meta rrilaxxjaw l-istqarrijiet rispettivi u anki meta xehdu quddiem din il-Qorti huma dejjem kienu konsistenti f'dak li qalu, izda anki ghaliex il-parti civili ta verzjonijiet kunfliggenti. Jekk wiehed jara x-xhieda ta' PC 1427 Oliver Micallef, li kien l-ewwel Pulizija li mar fuq il-post tal-incident ghaliex huwa stazzjonat l-Ghassa tac-Cirkewwa, jsib li l-parti civili qallu li kien Joseph Xuereb li kien attakkah meta fix-xhieda viva voce quddiem din il-Qorti, Buttigieg indika li kien Loreto Xuereb li attakah. PC 1427 inoltre jghid li Buttigieg telaq jigri minn fuq il-post nonostante li gie nfurmat li kienet gejja l-ambulanza sabiex huwa jinghata l-kura mehtiega. Huwa qal ukoll li ma nnota ebda griehi fil-halq jew xi snien imkissrin. Il-Qorti inoltre setghat tikkonstata li meta xehed Edward Buttigieg quddiemha huwa kien pjuttost inkonsistenti fejn l-ewwel qal li l-imputat Joseph Xuereb ma' ghamillu xejn u li baqa' miexi u kien biss l-imputat Loreto Xuereb li attakkah, imbaghad qal li kull ma' ghamel l-imputat Joseph Xuereb kien li messu fuq spallejh izda mbghad wara ftit qal li anki dan attakkah bil-VHF radio.

Il-Qorti ma' ghandha l-ebda raguni il-ghala ma' temminx il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-ahwa Xuereb u jidrilha li dawn irnexxilhom jipruvaw sal-grad tal-probabblli li kien Edward Buttigieg li attakka lil Joseph Xuereb u li dan tal-ahhar agixxa biss sabiex jiddefendi lilu nnifsu billi mbotta lil Buttigieg u li dan wegga' meta tfixkel u habat mal-arblu. Huma rnexxilhom jippruvaw ukoll li l-imputat Loreto Xuereb bl-ebda mod ma' kien involut fil-glieda.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputati ma' jistghux jinstabu hatja ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------